MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
MARIO SCERRI**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 44/2010

GO p.l.c. (C 22334)

vs

Melchiore sive Malcolm Dimech

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fl-14 ta' Ottubru 2010, li jaqra hekk :

' Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija u tnejn u tmenin Euro u erbgha u tletin centezmu (€382.34), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21465808 moghti mis-socjeta' attrici skond kif jirrizulta mill-anness dokument markat A ;

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas, izda baqa' inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza ;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta’ l-ahhar pagament, u cioe’ mit-2 ta’ Marzu 2009, kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.’ ;

Ra li l-konvenut debitament innotifikat skond il-ligi bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fit-termini tal-artikolu 187(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, baqa’ ma dahhalx risposta u lanqas ma deher quddiem it-Tribunal biex jikkontesta t-talba attrici ;

Sama’ l-provi ;

Fl-udjenza tas-6 ta’ Jannar 2011, xehed Emanuel Cini, impjegat mal-kumpannija attrici li esibixxa kopja tas-*service agreement* li l-konvenut kien ghamel mas-socjeta’ attrici ghall-istallazzjoni tas-servizz tat-telefon fil-fond numru 4, Triq Dun Salv Ciappara, H’Zebbug, Malta, flimkien ma’ rendikont tal-bilanc li l-konvenut baqghalu jaghti lis-socjeta’ attrici fi hlas ghal telefonati u kiri tas-servizz sa meta s-servizz gie mnehhi fit-12 ta’ Ottubru 2009, u kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut fl-intier tieghu billi wara t-2 ta’ Marzu 2009, il-konvenut baqa’ m’ghamel ebda hlasijiet ohra. Fl-istess udjenza gew ipprezentati kapitoli mis-socjeta’ attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut ;

Fl-udjenza tal-14 ta’ Jannar 2011, gew miftuha l-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut wara li gie msejjah diversi drabi, il-kapitoli gew miftuha u approvati, u mehuda li gew mistqarra mill-konvenut ;

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti ;

Ikkunsidra fid-dawl tal-provi mressqa, bl-ebda mod ma gew ikkontestati, li fit-8 ta’ Lulju 2005, il-konvenut kien talab ghall-linja tat-telefon fil-fond fejn dak iz-zmien kien joqghod, numru 4, Triq Dun Salv Ciappara, H’Zebbug, Malta, liema servizz kien gie nstallat fis-16 ta’ Lulju 2005, u kien gie mnehhi mis-socjeta’ attrici fit-12 ta’ Ottubru 2009, billi l-konvenut kien halla l-kont pendenti ghal diversi xhur, u halla l-bilanc li s-socjeta’ attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat li jhallas ta’ €382.34. Mill-kont

tal-klijent li jgib in-numru 40058895 jirrizulta li l-ahhar pagament akkont li kien sar mill-konvenut kien fl-ammont ta’ €130 fit-2 ta’ Marzu 2009 ;

Ghalhekk fid-dawl ta’ dawn il-provi t-talba tas-socjeta’ attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha ;

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380 ;

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici, u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tliet mija u tnejn u tmenin Euro u erbgha u tletin centezmu (€382.34), dovuta in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21465808, bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba sal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------